

32005D0604

L 206/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

9.8.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' Awwissu 2005

li temenda d-Deċiżjoni 93/52/KEE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li ċerti provinċji fl-Italja huma ħielsa mill-bruċelloși (B. melitensis) u d-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li ċerti provinċji ta' l-Italja huma ħielsa mill-bruċelloși tal-bovini u li r-reġjun tal-Piemonte huwa ħieles mill-lewkosi enzootika tal-bovini

(notifikata taħt dokument numru C(2005) 2932)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2005/604/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju ta' l-annimali bovini u l-ħnieżer ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Anness A (II) (7), l-Anness D (I) (E) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jan-nar 1991 dwar il-kundizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw l-kummerċ intra-Komunitarju fin-nagħaġ u l-mogħoż ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Anness A, Kapitolu 1, punt II tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/52/KEE tal-21 ta' Diċembru 1992 li tirreġistra l-konformità minn ċerti Stati Membri jew reġjuni mal-kundizzjonijiet marbuta mal-bruċelloși (B. melitensis) u li takkordalhom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun li huwa magħruf bħala uffiċjalment ħieles mill-marda ⁽³⁾ telenka r-reġjuni ta' Stati Membri li huma magħrufa bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloși (B. melitensis) skond id-Direttiva 91/68/KEE.
- (2) Fir-Reġjuni tal-Marche u tal-Piemonte, għallinqas 99.8 % ta' l-azjendi ta' l-ovini jew tal-kapri ni huma uffiċjalment azjendi ħielsa mill-bruċelloși Barra minn hekk, dawk il-Reġjuni daħlu għall-impenn li jikkonformaw ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 91/68/KEE dwar kontrolli każwali li għandhom jitwettqu wara r-rikonnoxximent tal-provinċji inkwistjoni bħala ħielsa mill-bruċelloși.

- (3) Ir-Reġjuni tal-Marche u tal-Piemonte għandhom għal-hekk ikunu magħrufa bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloși (B. melitensis) fir-rigward ta' l-azjendi ta' l-ovini jew tal-kapri ni.

- (4) Il-listi tar-reġjuni ta' l-Istati Membri ddikjarati bħala ħielsa mit-tuberkolosi tal-bovini, il-bruċelloși tal-bovini u l-lewkosi enzootika bovina huma stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE tat-23 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi l-istat uffiċjalment ħieles mit-tuberkolosi, il-bruċelloși, u l-lewkosi enzootika ta' ċerti Stati Membri u reġjuni ta' Stati Membri fir-rigward ta' merħliet bovini ⁽⁴⁾.

- (5) L-Italja ppreżentat lill-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi konformità mal-kundizzjonijiet xierqa pprovduti fid-Direttiva 64/432/KEE fir-rigward tal-provinċji ta' Alessandria, Asti, Biella, Novara, Vercelli fir-Reġjun tal-Piemonte sabiex dawk il-provinċji jkunu jistgħu jitħabbru uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi fir-rigward tal-merħliet bovini.

- (6) L-Italja ppreżentat lill-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi konformità mal-kundizzjonijiet xierqa pprovduti fid-Direttiva 64/432/KEE fir-rigward tar-Reġjun tal-Piemonte sabiex dak ir-Reġjun jkun jista' jitħabbar uffiċjalment ħielsa mill-lewkosi enzootika bovina fir-rigward tal-merħliet bovini.

- (7) Wara l-evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa mill-Italja l-provinċji ta' Alessandria, Asti, Biella, Novara, Vercelli fir-Reġjun tal-Piemonte għandhom jitħabbru uffiċjalment ħielsa mill-lewkosi enzootika bovina.

- (8) Id-Deċiżjonijiet 93/52/KEE u 2003/467/KE għalhekk għandhom ikunu emendati skond dan.

- (9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

⁽¹⁾ ĠU L 121, 29.7.1964, p. 1977/64. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1/2005 (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/554/KE (ĠU L 248, 22.7.2004, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 13, 21.1.1993, p. 14. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2005/179/KE (ĠU L 61, 8.3.2005, p. 37).

⁽⁴⁾ ĠU L 156, 25.6.2003, p. 74. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2005/179/KE.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 3**Artikolu 1*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

L-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE huwa emendat skond l-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, nhar l-4 ta' Awwissu 2005.

Artikolu 2

L-Annessi II, u III għad-Deċiżjoni 2003/467/KE huma emendati skond l-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

L-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"ANNEX II

Fi Franza:

— Départements:

Ain, Aisne, Allier, Ardèche, Ardennes, Aube, Aveyron, Cantal, Charente, Charente-Maritime, Cher, Corrèze, Côte-d'Or, Côtes-d'Armor, Creuse, Deux-Sèvres, Dordogne, Doubs, Essonne, Eure, Eur-et-Loire, Finistère, Gers, Gironde, Hauts-de-Seine, Haute-Loire, Haute-Vienne, Ile-et-Vilaine, Indre, Indre-et-Loire, Jura, Loir-et-Cher, Loire, Loire-Atlantique, Loiret, Lot-et-Garonne, Lot, Lozère, Maine-et-Loire, Manche, Marne, Mayenne, Morbihan, Nièvre, Nord, Oise, Orne, Pas-de-Calais, Puy-de-Dôme, Rhône, Haute-Saône, Saône-et-Loire, Sarthe, Seine-Maritime, Seine-Saint-Denis, Territoire de Belfort, Val-de-Marne, Val-d'Oise, Vendée, Vienne, Yonne, Yvelines, Ville de Paris, Vosges.

Fl-Italja:

- Ir-Reġjun ta' Lazio: il-Provinċji ta' Rieti u Viterbo.
- Ir-Reġjun tal-Lombardia: il-Provinċji ta' Bergamo, Brescia, Como, Cremona, Lecco, Lodi, Mantova, Milan, Pavia, Sondrio, Varese.
- Ir-Reġjun ta' Marche: il-Provinċja ta' Ascoli Piceno Macerata, Pesaro e Urbino
- Ir-Reġjun tal-Piemonte: il-Provinċji ta' Alessandria, Asti, Biella, Cuneo, Novara, Turin, Verbania, Vercelli.
- Ir-Reġjun ta' Sardinja: il-Provinċji ta' Cagliari, Nuoro, Oristano, Sassari
- Ir-Reġjun ta' Trentino-Alto Adige: il-Provinċji ta' Bolzano, Trento.
- Ir-Reġjun tat-Toscana: il-Provinċji ta' Arezzo, Firenze, Livorno, Lucca, Massa-Carrara, Pisa, Pistoia, Prato u Siena.
- Ir-Reġjun ta' l-Umbria: il-Provinċji ta' Perugia, Terni.

Fil-Portugall:

- Ir-Reġjun Awtonomu ta' l-Azores.

Fi Spanja:

- Ir-Reġjun Awtonomu tal-Gżejjer Kanarji: il-Provinċji ta' Santa Cruz de Tenerife u Las Palmas."

ANNEX II

L-Annessi II u III għad-Deċiżjoni 2003/467/KE huma emendati kif ġej:

1. Fl-Anness II, Kapitolu 2 jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU 2

Reġjuni ta' l-Istati Membri uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi

Fl-Italja:

- Ir-Reġjun ta' l-Emilia-Romagna: il-Provinċji ta' Bologna, Ferrara, Forlì-Cesena, Modena, Parma, Piacenza, Ravenna, Reggio Emilia, Rimini
- Ir-Reġjun tal-Lombardia: il-Provinċji ta' Bergamo, Brescia, Como, Cremona, Lecco, Lodi, Mantova, Pavia, Sondrio, Varese.
- Ir-Reġjun ta' Marche: il-Provinċja ta' Ascoli Piceno
- Ir-Reġjun tal-Piemonte: il-Provinċji ta' Alessandria, Asti, Biella, Novara, Verbania, Vercelli.
- Ir-Reġjun ta' Sardinja: il-Provinċji ta' Cagliari, Nuoro, Oristano, Sassari
- Ir-Reġjun tat-Toscana: il-Provinċji ta' Arezzo, Grosseto, Livorno, Lucca, Pisa, Prato
- Ir-Reġjun ta' Trentino-Alto Adige: il-Provinċji ta' Bolzano, Trento
- Ir-Reġjun ta' l-Umbria: il-Provinċji ta' Perugia, Terni.

Fil-Portugall:

- Ir-Reġjun Awtonomu ta' l-Azores: il-gżejjer ta' Pico, Graciosa, Flores, Corvo

Fir-Renju Unit:

- Il-Gran Brittanja: L-Ingilterra, l-Iskozja, u Wales"

2. Fl-Anness III, Kapitolu 2 qiegħed jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU 2

Reġjuni ta' l-Istati Membri uffiċjalment ħielsa mil-lewkosi enzootika tal-bovini

Fl-Italja:

- Ir-Reġjun ta' l-Emilia-Romagna: il-Provinċji ta' Bologna, Ferrara, Forlì-Cesena, Modena, Parma, Piacenza, Ravenna, Reggio Emilia, Rimini
- Ir-Reġjun tal-Lombardia: il-Provinċji ta' Bergamo, Brescia, Como, Cremona, Lecco, Lodi, Mantova, Milan, Pavia, Sondrio, Varese
- Ir-Reġjun ta' Marche: il-Provinċja ta' Ascoli Piceno
- Ir-Reġjun tal-Piemonte: il-Provinċji ta' Alessandria, Asti, Biella, Cuneo, Novara, Turin, Verbania, Vercelli.
- Ir-Reġjun tat-Toscana: il-Provinċji ta' Arezzo, Firenze, Grosseto, Livorno, Lucca, Massa-Carrara, Pisa, Pistoia, Prato, Siena
- Ir-Reġjun ta' Trentino-Alto Adige: il-Provinċji ta' Bolzano, Trento
- Ir-Reġjun ta' l-Umbria: il-Provinċji ta' Perugia, Terni.
- Ir-Reġjun tal-Val d'Aosta: il-Provinċja ta' Aosta."